# L-Isplużżjoni tal-kamra tan-nar taż-Żejtun
# 1 ta' Mejju 1904

**Kitba ta' Carmelo P. Baldacchino**

**F'Għeluq il-mitt sena mit-traġedja.**

Kienet il-ġurnata tal-Ħadd l-1 ta' Mejju 1904, meta bħas-soltu xi rġiel Żwieten kienu jmorru jaħdmu n-nar f'kamra qalb ir-raba' fi triq it-Torri jew triq Marsaxlokk, limiti taż-Żejtun, għall-festa tal-padruna tagħna Santa Katarina. Kienet ġurnata bħall-oħrajn, meta wara li semgħu l-quddiesa tal-Ħadd, marru bħas-soltu f'dan il-post, u jingħad li xi wħud minnhom ħallew il-post biex imorru jisimgħu l-quddiesa ta' l-għaxra ta' filgħodu.

Ftit wara li daqqu l-għaxra ta' filgħodu, waqt li kienu qed jaħdmu n-nar instemgħet splużjoni kbira li redgħet l-irħula viċin, u skond l-ewwel xhud, li kien Ġużeppi Bonniçi iben Klement magħruf bħala taċ-Ċawla, li tela' fuq il-bejt tad-dar tiegħu, u ra daħna kbira ġejja mill-inħawi tat-triq ta' Marsaxlokk, u dak il-ħin kien għaddej tifel, li qal li hu ma jafux, li qal li splodiet il-kamra tan-nar tar-raħal. "Jiena bla telf ta' żmien mort infittex qassis u ltqajt ma' l-arċipriet tar-raħal u għidtlu bid-diżgrazzja; hu malajr mar għas-Sagramenti, u mar fuq il-post.. Wara dan jien mort l-għassa tal-pulizija fejn infurmajthom bli kien ġara".

Il-Pulizija mill-ewwel bdew bil-ħidma tagħhom biex jistabbilixxu min seta' kien hemm dak il-ħin fil-kamra li splodiet, u rriżulta li fil-kamra kien hemm:-
Carmelo Caruana ta' 20 sena iben Ġużeppi ta' Lawdu.
Carmelo Mifsud ta' 21 sena iben il-mejjet Alessio tar-Ruħ.
Angelo Brincat ta' 21 sena iben Santo ta' Santu.
Vincenzo Mifsud ta' 18-il-sena iben Carmelo tal-Bonġu.
Mabbli Mifsud ta' 16-il-sena iben Angelo tal-Faċċol.
Mikiel Spiteri ta' 19-il-sena iben Rozario tal-Katutu.

Dawn kienu kollha miż-Żejtun, kienu qed jaħdmu materjal splussiv f'kamra fi triq it-Torri jew triq Marsaxlokk, limiti taż-Żejtun.

Il-materjal esplussiv ikkaġuna r-rovina tal-kamra. Dawn ta' hawn fuq imsemmija baqgħu graviment feruti, u minnhom Carmelo Mifsud, Mikiel Spiteri, u Mabbli Mifsud kienu jinsabu fil-periklu li jitilfu ħajjithom kif jidher miċ-ċertifikati tat-tobba Emanuel Cannataci MD. Carmelo Borg MD. u G. F. Inglott MD.

Carmelo Caruana diġa fuq ordni tat-tabib Cannataci, ġie meħud l-isptar Ċentrali tal-Furjana, waqt li Carmelo Mifsud ma kienx fi stat li jixhed.

Dan ir-rapport sar mill-ispettur tal-pulizija taż-Żejtun, is-Sur Ramiro Francesco Barbaro Sant.

Quddiem il-Maġistrat Dr. Ġiuseppe Falzon LL. D., mgħejjun mill-iskrivan tal-qorti s-Sur Carlo Bajona, flimkien ma' l-ispettur imsemmi Barbaro Sant, bdiet inkjesta dwar il-kaz, u l-ewwel li xehdu kienu wħud mill-vittmi ta' dan il-kas li kienu:-
Mikiel Spiteri, Amabile Mifsud, Angelo Brincat, u Vincenzo Mifsud, bil-ġurament quddiem il-Magistrat imsemmi qalu li dak in-nar filgħodu marru jaħdmu l-bombi għall-festa ta' Santa Katarina taż-Żejtun f'kamra li miż-Żejtun tieħu għal Marsaxlokk, fejn f'daqqa waħda saret splużżjoni li ħadd ma jaf fejn kienet il-

bomba li splodiet, u ma jafux kif ġrat l-isplużżjoni. "Aħna ċerti li din l-isplużżjoni saret b'aċċident għaliex aħna żguri li ħadd ma ried jagħmel ħsara lilu nnifsu. Ma nafux la n-numru ta' bombi, u lanqas il-kwantita tal-porvli ta' l-isparar li konna qed naħdmu. Wara li kkargajniehom u konna ser nagħlquhom, splodiet waħda u wara ħadu kollha, u ma nafux jekk ġarax xi ħaġa lill-oħrajn u lanqas ma nafu min kien qed jaħdem fuq l-ewwel bomba li splodiet, jew il-ħtija ta' min kienet li saret l-isplużżjoni. Nissoponu li l-ispluzzjonijiet saru b'aċċident. Fil-kamra kien hawn madwar, elfejn jew aktar bombi lesti. Aħna ċerti li ħadd minna ma kien qed ipejjep. Il-kamra ma kellha l-ebda ftuħ ħlief il-bieb ta' barra tad-dħul; il-bombi kien jonqoshom l-ispaga. B'kollox kellna ħames irtal u f'daqqa waħda rajna l-fjammi u l-ġebel jaqa' madwarna u fuqna u ħsejjer ta' splużżjoni qawwija li ma nafux kif saret u lanqas ħdejn min kienet il-bomba li splodiet l-ewwel".

Mikiel Angelo Bondin, bin Klement, li joqgħod iż-Żejtun qal bil-ġurament li għall-ħabta tal-10 ta' filgħodu waqt li kien ġo l-għalqa tiegħu fil-viċinanzi tar-razzett imfarrak bl-isplużżjoni, fejn smajt splużżjoni qawwija, ħarist u rajt ħafna ġebel tiela' fil-għoli u xi nar jaqbad fl-ajru, minn din il-kamra li qed nara mġarrfa. Jiena ġrejt għal fuq il-post u sibt silenzju perfett. Wara ftit smajt xi krib minn taħt it-tifrik fil-kamra fir-rokna lejn ix-xlokk fuq it-triq, u bdejt inneħħi l-ġebel u ħriġt lil Anglu ta' Santu, kellu idejh u ħwejġu maħruqin u ġbidtu minn saqajħ, smajt aktar krib u ħrigt minn taħt it-tifrik lil Vincenzo Mifsud tal-Bonġu, li kien qiegħed fl-istess rokna ftit 'il bogħod minn Angelo, dawn ma qalu xejn, smajt aktar krib ġej mir-rokna faċċata ta' l-ewwel waħda u li tagħti għat-triq u ħriġt żewġ persuni oħra li jiena ma għarafthomx, wieħed kien fuq l-ieħor bi ġrieħi u demm ħiereġ minnhom u li kellhom ħwejjigħom maħruqa. Minn dawn il-persuni kollha ta' hawn fuq ħadd ma qal xi ħaġa, imma kollha kienu jokorbu bl-uġigħ; f'dan kollu jiena kont megħjjun minn xi nies li waslu mir-raħal ftit wara. Irnexxielna nsalvaw ieħor li jiena ma nafux, kien viċin l-oħrajn u ma qal xejn. Jiena rajt l-aħħar darba il-kamra sħiħa l-ġimgħa li għaddiet u ma nafx x'kienu qed jagħmlu fil-kamra dawn l-iddiżġrazzjati.

Carmelo Caruana iben Ġużeppi ta' Lawdu li joqgħod iż-Żejtun xehed bil-ġurament fl-isptar ċentrali tal-Furjana. "Konna qegħdin nippreparaw il-bombi li kienu diġa mimlija b'kompożizzjoni ta' putassa, żelfo, antimju, minn din il-kompozizzjoni kellna b'ħames irtal użin. Kellna wkoll minn din is-sustanza li kien għadhom ma ġewx imħallta li ma nafx kemm kwantita, meta wasalt jiena, sħabi kienu qed jaħdmu għal dawn il-bombi, fil-kamra fit-triq li tagħti għal Masaxlokk. Din il-kompożizzjoni kienet diġa lesta, u ma nafx min ippreparaha u lanqas meta ġiet ippreparata f'daqqa waħda saret splużżjoni f'din il-kompożizzjoni, ma nafx kif u ma' l-isplużżjoni sibt ruħi taħt it-tifrik, ma nafx min kien li salvani u jiena ċert li ħadd minna ma kien qed ipejjep. Fl-opinjoni tiegħi kienet diżgrazzja u jien sfajt ferut. Din il-ħaġa ġrat dalgħodu u l-bombi lesti kienu madwar elf".

Ta' min jgħid li mis-sitta li kienu fil-kamra kien Carmelo Caruana biss li wara ġlieda mit-tobba biex isalvawlu ħajtu, dam fil-periklu tal-mewt sad-19 ta' Mejju 1904, skond iċ-ċertifikat tal-Professur S. Cassar M.D. li nforma lil-maġistrat permezz ta' ċertifikat mediku fid-19 tax-xahar bil-firma tiegħu li fih hu stabbilit li Carmelo Caruana ma kienx għadu fil-periklu tal-mewt. Hu l-uniku wieħed li baqa' ħaj u li għex għal ħafna snin wara l-isplużżjoni li ġrat fiż-Żejtun mitt sena ilu.

Il-Maġistrat fetaħ inkjesta dwar dan il-

kaz li tgħid "Wara li dalgħodu għal ħabta ta' nofs in-nhar ġie rrapurtat lili bit-telefon mill-pulizija esekuttiva li xi wħud weġġgħu wħud minnhom jinsabu fil-periklu gravi ta' ħajjithom minħabba l-isplużżjoni f'kamra fil-limiti taż-Żejtun, li kkaġunat ir-rovina ta' din il-kamra.

Il-Maġistrat hawn taħt iffirmat mgħejjun mill-iskrivan tal-qorti Carlo Bajona mar fl-għassa tal-pulizija taż-Żejtun fejn wasal fil-ħin imsemmi, u sab li dawn l-individwi msejkna kienu, Mikiel Spiteri, Amabile Mifsud, Angelo Brincat, Vincenzo Mifsud, Carmelo Mifsud u Carmelo Caruana.
Huwa ħa x-xhieda taħt ġurament ta' l-ewwel erba' sab li l-aħħar wieħed kien diġa gie meħud l-isptar ċentrali u dak ta' qabel ta' l-aħħar ma setax jagħti xhieda, u rċieva mingħand il-pulizija l-uniku rapport tal-fatt dwar dak li ġara, kif ukoll diversi ċerifikati medici.

Wara dan il-maġistrat mar fuq il-post tad-disgrażżja, kamra fit-triq it-Torri jew triq Marsaxlokk limiti taż-Żejtun, kienu preżenti l-ispettur tal-pulizija Ramiro Francesco Barbaro Sant, osserva u ġiegħel lix-xhieda msejħa għal okkorrenza, Mikiel Camilleri, bin Valent li joqgħod il-belt Valletta u Luiġi Leone iben Gio Maria li joqghod iż-Żejtun; kamra bi pjan wieħed li tinsab tmiss ma' għalqa fuq it-triq hawn fuq imsemmija, fuq il-lemin int u sejjer lejn Marsaxlokk, u f'distanza mill-istess fuq in-naħa taż-Żejtun, hemm razzett abitat mill-familja ta' Ġużeppi Portelli u post ieħor tax-xogħol użat bħala barumbara mhux abitata lejn Marsaxlokk.

Din il-kamra hija f'rovina, li tinsab bla saqaf u b'xi ħitan imwaqqgħa u oħrajn qed jaqgħu, probabilment bl-effett ta' l-isplużżjoni qawwija u riċenti ta' materjal li jaqbad. Fil-ħajt parti minnu mkisser li jagħti għat-triq, hemm bieb imbarrat bil-ġebel, fuq l-art tal-kamra hemm ukoll munzell ġebel imfarrak, travi ta' l-injam u biċċiet tal-karti, u fit-triq ġebel ieħor ħdejn il-kamra, car li waqgħu mill-istess ħitan tal-kamra. Tajt l-inkarigu lill-Perit arkitett Giuseppe Ruggiero Busuttil li ġie innominat apposta biex jeżamina dan il-kaz u jippreżenta r-rapport tiegħu eżatt kif ikun lest.

Il-Maġistrat ordna li jiġu mneħħija xi affarijiet li jistgħu jkunu ta' periklu għan-nies u affarijiet oħra; Osservati fost it-tifrik tal-munzell tal-ġebel kien hemm flixkun *'Gineparo'* li kien fuq il-ġebel fit-triq, ħalla l-access miftuħ għall-ħin meħtieġ, fiċ-ċirkustanzi preżenti tal-każ u mar l-isptar ċentrali tal-Floriana fejn



ha x-xhieda ta' Carmelo Caruana li diġa' semmejna. Il-Magistrat Dr. Giuseppe Falzon LL.D. kien mgħejjun minn Mikiel Camilleri, Luigi Leone u Carlo Bajona l-iskrivan tal-Qorti.

Guzeppi Giardina bin in-nutar Feliciano mwieled u joqgħod iż-Żejtun, jistqarr li l-kamra li qed jara mwaqqgħa u li ħdejha qed isir l-access, hija propjeta' tal-mara tiegħu w amministrata minnu. Il-kamra kellha bieb wieħed li kien imbarrat bil-ġebel li jagħti għat-triq: kellha bieb ieħor għal ġo l-għalqa li magħha hija magħquda permezz ta' bieb ċkejken għas-saqaf u tieqa ċkejkna viċin il-bieb ċkejken. Dawn iż-żewgt ikmamar huma mikrija lil Giovanni Busuttil.

Ġużeppi Portelli, iben Damjan, imwieled u joqgħod iż-Żejtun, jiddikjara bil-ġurament li huwa jgħix bil-familja fir-razzett 'l bogħol minn din il-kamra rovina (mwaqqgħa) 46 pass bogħod skond il-miżuri li għandi jien issa.

"Dalgħodu bejn l-10:00 u l-11:00am ħadd minna ma kien hawn, naf li fis-Sajf li għadda xi wħud min-nies, li ma niftakarx min kienu, kienu spiss jiġu f'din il-kamra, llum mwaqqgħa, biex jaħdmu materjal splussiv. L-aħħar darba li rajt il-kamra wieqfa kien dalgħodu għall-ħabta tat-8:30".

Antonio Cutajar, iben Fidiel, imwieled u joqgħod Ħal-Għaxaq, jiddikjara bil-ġurament li huwa ilu jaħdem f'materja splussiva għal dawn l-aħħar ħamsin sena għal-logħob tan-nar u: "Bħala perit espert ngħid li din il-kamra, li fiha qed isir l-aċċess ġiet imwaqqgħa permezz ta' splużżjoni tal-materjal li semmejna. L-isplużżjoni setgħet kienet ikkawżata minn sempliċi ħbit tal-kompożizzjoni u li kien hawn madwar 15,000 ( ħmistax-il elf) bomba. Din il-kompużizzjoni tikkonsisti f'putassa tal-kulur, antimonju u sulpher. Kull bomba komuni u ordinarja jkollha fiha żewg drammi ta' putassa, dramm ta' antimonju u nofs dramma ta' solfu. Meta tkun lesta din il-kompożizzjoni tiġi mqarsta ġo karti komuni b'erba' dawriet, u mgħottija bl-istess karta min-naħa ta' fuq u marbuta bi spaga bħal din: (jgħaddi biċċa spaga b'ordni tal-maġistrat biex juriha lill-oħrajn) u għal erba' dawriet oħra. Jekk fil-kamra kienx hawn dan in-numru ta' bombi, bilfors kellha tkun il-kwalita ta' din il-kompożizzjoni biex tagħmilhom. Dawn is-sustanzi jħalluhom jinxfu, ipoġġuhom ġo kartell u jiġu mċaqalqa bilmod, u jekk jaħbtu flimkiem, faċli li ssir splużżjoni; kull sustanza waħedha ma tista' tikkaġuna xejn. Il-kompożizzjoni trid tkun imħallta biex tagħmel splużżjoni. Anke nofs kwart ta' din il-kompożizzjoni, meta jisplodi jista' jikkaġuna dannu għall-persuna u dannu materjali. Kull ratal materjal minn din il-kompożizzjoni huwa daqs il-forza ta' seba' rtal porvli ta' l-isparar.

Vincenzo Buttigieg, bin Guzeppi, mwieled Ħaż-Żabbar, u joqgħod iż-Żejtun, qal bil-ġurament li huwa jieħu ħsieb l-għalqa li fiha bini użat bħala barumbara fil-viċinanzi tal-kamra, li fiha il-bieraħ filgħodu saret l-isplużżjoni: "Ħadd ma jorqod f'din il-barumbara u ħadd ma kien fiha il-bieraħ filgħodu".

Dr. Alessandro Sultana, espert fil-materjal splussiv għamel rapport wara li rċieva struzzjonijiet mill-ispettur tal-pulizija esekuttiva, is-Sur Ramiro F. Barbaro Sant, biex jeżamina s-sustanzi kkonservati minnu fil-5 ta' Mejju 1904. "Jiena mort l-għassa tal-pulizija taż-Żejtun fejn dan l-uffiċjal imsemmi hawn fuq, ippreżentali xi pakketti flimkien ma' bomba, ħadt kampjun minn dawn il-pakketti msemmija u ġarrejtu flimkien mal-bomba, fil-laboratorju tas-saħħa Pubblika. Wara li għamilt l-eżami kimiku u analitiku wasalt għal dawn il-konklużjonijiet:

1) Waħda minn dawn is-sustanzi kienet Zelfo di Commercio; minnha nnifisha mhix esplussiva.
2) Oħra porvli metal Solforo ta' l-Antimonju, li wkoll minnha nnisifsha mhix esplussiva.
3) Oħra trab tal-porvli abjad Kristallina mħallta b'kulur tal-putassa esplussiva, li minnha nnifisha meta tigi mħabbta jew skussata bis-saħħa f'ċirkustanzi speċjali tista' tkun perikoluża.
4) Bomba ta' taħlita li tieħu n-nar u esplussiva; minnha nnifisha esplussiva.

"It-tliet sustanzi li semmejna fuq in-numri 1, 2 u 3, mħalltin b'ċerti proporzjoni, jistgħu jikkostitwixxu taħlita esplussiva minnha nnifisha, ftit jew wisq perikoluża, aktar u aktar meta tisplodi anke fi kwantita' ċkejkna. Instabu fil-vicin aktar kwantitajiet; l-istess ngħid dwar il-bomba. Il-ħsara li ssir lill-persuna bil-materjal tiddependi tkunx gravi jew le mill-qawwa ta' l-isplużżjoni".

Nhar il-5 ta' Mejju 1904, l-Ispettur Ramiro F. Barbaro Sant ġie pprezentat lura xi pakketti u bomba minn Dr. Alessandro Sultana u kampjun bajdani bit-terraċċju aħmar. It-tieni wieħed fih trab safrani u l-aħħar wieħed fih sustanza li tagħti fl-iswed, bomba u xi pakketti miftuħa, "li jien kont sibt wara nofs in-nhar, fl-1 ta' Mejju, fil-kamra fejn kienet saret l-isplużżjoni u fejn wara nofs in-nhar sar l-access mill-Magistrat, li kienu taht it-tifrik u biex nevita kull periklu jew xi diżgrazzja oħra jien iddistruġġejt dawn is-sustanzi f'dawn il-pakketti nhar il-11 ta' Mejju billi tfajthom 'il barra fil-baħar".

Il-Magistrat Dr.Ġuseppe Falzon LL.D., ħatar lil perit Ġużeppi Ruggiero Busuttil PAA, biex jeżamina l-kamra li qegħda fil-limiti taż-Żejtun fi triq it-Torri jew triq Marsaxlokk numru 62, li hija propjeta' ta' Ġiuseppe Giardina li għandha s-saqaf u parti sewwa mill-ħitan imfarrkin, biex nirreferilu:

1) Deskrizzjoni ta' din il-kamra qabel ma ġiet imwaqqgħa.
2) L-istat preżenti ta' din il-kamra.
3) Il-kawża tat-tiġrif tagħha.
4) Il-post minn fejn ġiet il-kawza tat-tiġrif.
5) Jekk in-nar kienx il-kawża ta' dan it-tiġrif, dan jista' jiġi kkomunikat minn xi post viċin.
6) L-ispiża ta' dawn id-danni (l-eżekutur).

"Mort fuq il-post ta' l-aċċess, indikat lili mill-Maġistrat hawn fuq imsemmi, nhar il-Ħadd l-1 ta' Mejju 1904, għall-ħabta tat-3:00pm. Xi sigħat wara, skond tagħrif mogħti lili wara d-diżastru, jiena issa ser nissottometti bir-rispett ir-rapport tiegħi li ġej bħala tweġiba għall-mistoqsijiet imniżżla hawn fuq".

1) Illi il-kamra qabel ma ġiet imġarrfa, stajt nosserva jiena personalment, u milli jirriżulta' mir-rapport ta' Ġuseppe Giardina, propjetarju ta' l-istess kamra, kienet tikkostitwixxi f'kamra ta' daqs ta' madwar erbatax-il pied u fonda madwar tlettax-il pied, li kellha bieb wieħed li jagħti għat-triq li kien imbarrat minn ġebel imħarbat, u bi ftuh lejn l-għalqa, b'taraġ fuq quddiem li jagħti għal bejt ta' din il-kamra, bi tromba li tgħatti dan it-taraġ, li taħtu kien hemm bir. Minn barra, l-għoli bl-apramorta b'kollox kien ta' sbatax-il-filata u minn ġewwa madwar tnax-il-filata; is-saqaf kien mibni fuq tliett travi ta' njam, il-parti tad-dahar, fejn kien hemm it-tarag, kienet l-aktar għolja mill-partijiet l-oħra ta' madwar seba' filati, peress li kien hemm it-tromba.
2) Illi din il-kamra li m' ilhiex mibnija ħafna, u mibnija regolarment b'ġebel tajjeb u oħxon u b'ħitan dobbli, minbarra t-taraġ u t-tromba, illum parti mill-ħajt tal-faċċata mġarraf f'għoli ta' madwar tlettax-il filata b'ħafna konsenturi, il-parti ta' fuq sa l-arkitrav tal-bieb imwaqqgħa. Il-ħajt laterali fuq il-lemin bit-tromba fuq it-taraġ imġarraf,

qed iżomm parti ċkejkna tal-ħajt in-naħa tax-xellug, b'tali mod li tista' tiġġarraf malajr, peress li l-bqija tal-ħajt huwa mwaqqgħa, mentri l-ħajt ta' wara t-tarag u t-tromba huma kompletament imġarrfin flimkien mas-soqfa tagħhom u t-travi li fuqhom kien jistriħ is-saqaf.

L-ambjent tal-kamra hu mimli ġebel, xi wħud sħiħ u ieħor imfarrak, xi partijiet tat-travi huma mkissrin; osservajt kwantita' ta' karti ġa użati bil-kitba fuqhom u xi spag. Fuq barra, in-naha tat-triq, iż-żewg naħat tal-kamra lejn l-għalqa hemm gozz kbir ta' ġebel li bih kienet mibnija l-kamra mġarrfa.

3) Peress li issa jmissni nagħti l-kawża li pproduċiet dan it-tiġrif f'daqqa; jew bilfors ikolli nattribwiha għal sparatura ta' xi materja terribilment esplussiva. Dan il-ġudizzju tiegħi hu kkonfermat mhux biss bil-mod ta' kif il-ħitan u s-soqfa huma mġarrfin, iżda wkoll bil-preżenza ta' kwantita' ta' karti użati minn dik il-karta li ssoltu jużaw biex jiksu l-bombi ta' l-isparar u mill-ispag li bih is-soltu jorbtu l-bombi.

4) Mill-eżaminazzjoni tal-post , kif ġie mogħti lili, mhux possibli nistabilixxi l-post eżatt fejn saret l-isplużżjoni.

5) Il-kamra li splodiet hija waħda maqtugħa minn kull bini ieħor, b'distanza ta' mija u ħdax-il pied, lejn ir-raħal hemm razzett ta' Ġużeppi Portelli, u f'distanza ta' mija u tnax-il pied, lejn Marsaxlokk hemm il-barumbara ta' Vincenzo Buttigieg. Kemm minħabba d-distanza, kif ukoll din l-isplużżjoni ħadet f'daqqa; in-nar ma setax ġie kkomunikat minn xi wieħed minn dawn l-irziezet.




6) Dwar il-ħsara li tikkonsisti fit-tiġrif sħiħ ta' din il-kamra, peress li nikkonsidra li l-ġebel għadu tajjeb biex jintuża mill-ġdid. Jien niddikjara l-ispiża totali tal-ħsara tlaħħaq is-somma ta' $321 (tlett mija u wieħed u għoxrin liri sterlina)

Ħajr lill-Arkivju Nazzjonanli ta' Santu Spirtu, Rabat.

Lil Kan. Dun Joe Abela, Zejtun.

Eternity

*Gifts and furinture, Candles, Carpets, Glass and more.*

25th November Avenue, Żejtun ŻTN 06 (next to HSBC)
Tel: 2180 4093 • 2167 4565 • Mob: 7947 6714